## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL,D.

**Appell Numru 264/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Paul Joseph Portelli**

Seduta 28 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Paul Joseph Portelli detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 63780(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn id-9 u s-17 ta' Ġunju 2017 ġewwa r-residenza matrimonjali 2,4,6 Triq ir-Raheb, Tarxien bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel, bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma

għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi tal-11 ta' Ġunju 2018 li biha sabet lil Paul Joseph Portelli ħati tal-imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' mitt Euro (€100);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Joseph Portelli intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju 2018 li bih l-appellant talab ir-**revoka** tas-sentenza appellata u sabiex minflok tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti;

Semgħet il-partijiet jittrattaw.

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam li ghandu sia minn natura legali kif ukoll dik fattwali. Dwar dan qed ikun hawn riprodott *verbatim* anke ghaliex huwa f'forma puntwalizzata u mhux fit-tul;

2. L-aggravju jaqra hekk: "*L-oġġetti li l-akkuzat ċaqlaq fid-dar matrimonjali huma tal-esponent daqs kemm huma ta' martu u ma kien qed juzahom hadd; Kien ghalhekk li beda juzahom hu u li hadhom fil-kmamar li juża bħala klinika li hemm fl-istess dar, fejn fil-fatt qed jgħix; Illi bl-istess mod martu (il-parte civile) ġarret hafna oggetti (fosthom deep chest*

*freezer, u il-cutlery/pozati kompluta, lozor u kutri kollha taz-zewgt idjar kemm ta' Tarxien, kif ukoll tar-Rabat) minn fuq biex zammithom fil-basement fejn qed tghid, pero' ghal dan sa issa l-esponent ma qaghadx jaghmel rapport dwar ragionfattasi kontinwata; Illi wiehed jifhem li biex jghix, l-akkuzat ghandu bzonn certi affarijiet li hemm fid-dar, bhal platti ecc – u jekk dawn fil-fatt li irrizultaw jikkostitwixxu ragionfattasi kontinwat allura minn ghada l-esponent jista' jaghmel rapport kontra martu fuq numru kbir ta' oggetti li hi caqalqet mid-dar fuq biex nizzlithom isfel fil-basement fejn qed tghix hi; Illi l-esponent qed juza biss dawn l-oggetti bhal ma dejjem kien u baqa' juzahom u fl-ebda hin ma qal jew ippretenda li dawn huma oggetti tieghu biss. Illi l-esponenti ma hax l-oggetti mid-dar matrimonjali kif qalet l-ewwel Qorti – l-oggetti ghadhom sa issa fl-istess dar matrimonjali fejn kienu – u l-akkuzat biss caqlaqhom minn kamra ghall-ohra ghax fejn kienu ma kien qed juzahom hadd. Dan ma jikkostitwixxix ragionfattasi. Illi ghalhekk l-elementi ta' ragionfattasi ma jissussistux. Intant l-esponent issa xtara fridge u washing machine godda li gew konsenjati fit-13 ta' Gunju 2018 jumejn wara is-sentenza; ghalhekk hu seta' jerga' itella' il-fridge mertu tal-kawza fuq fejn kienet. Ghall-kompletezza jigi indikat li l-mara hadet ukoll il-washing machine u id-dryer fil-basement fejn tghix ma' ommha*".

3. Din il-kwistjoni tirrigwarda dizgwid bejn koppja mizzewga li jinsabu fi stadju ta' separazzjoni u fil-frattemp qed jirrisjedu f'partijiet separati tad-dar matrimonjali bl-imputat mixli li ha xi oggetti minn dik il-parti tad-dar li ma hi abitata minn hadd minnhom. L-appellant għandu bżonn juża ċerti

affarijiet u jekk dawn jikkostitwixxu ragion fattasi minn għada jibda jagħmel rapporti dwar affarijiet li ġarret martu għal ġol-basement fejn qed tgħix. L-appellant qatt ma ppretenda li dawn l-oġġetti huma tiegħu biss. L-akkużat ma ħax l-oġġetti mid-dar matrimonjali iżda biss ċaqlaqhom għax qabel ħadd ma kien qed jużhom. Isegwi li l-elementi tar-ragion fattasi ma jeżistux. L-appellant issa akkwista fridge u washing machine ġodda fit-13 ta' Ġunju 2018 u għalhekk hu seta' jerġa' jtella' l-fridge fejn kienet. Il-mara ħadet il-washing machine u d-dryer fil-basement fejn tgħix ma' ommha;

4. Il-provi ghad-disposizzjoni tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti: Permezz ta' affidavit PS 1258 xehed illi fid-9 ta' Ġunju 2017 Anna Portelli rrapurtat li kienu naqsu xi affarijiet minn ġewwa d-dar matrimonjali fosthom fridge u spjegat li ghandha problemi matrimonjali ma' zewgha. Fis-16 ta' Gunju rrapurtat ukoll li kien nieqes television u ccaqalqu xi affarijiet mill-gwardarobba taghha. B'rapport iehor tas-17 ta' Gunju allegat li kienu naqsu aktar affarijet fosthom internet boosters, ir-robot li jnaddaf il-pool, zewġt islielem, 4 cordless telephones bil-base neqsin ukoll. Is-sistemi tal-Internet u tat-telefon ma kienux qed jaħdmu. Paul Portelli kien sostna li kienu sparixxewlu xi tliet cameras tad-ditta Fuji. Huwa kien qal li l-fridge u t-televixin kienu qegħdin għandu. Kien ħa t-television u niżżlu fil-clinic għax kellu bżonnu. Dwar il-fridge tal-kċina huwa kien innota li Anna Portelli kienet battlitha u allura hu niżżilha isfel biex jista' jużha. Anna Portelli talbet li jinbdew proceduri kontra zewgha;

5. Kienet esebita registrazzjoni ta' telefonata bejn l-imputat u l-parte civile li frankament ma ghandha l-ebda rilevanza dwar il-kwistjoni odjerna hlief li turi li l-partijiet ma huma xejn *on speaking terms* u ghalhekk il-Qorti mhix ser taghti wisq piz ghal din il-prova;

6. Il-bqija tal-provi instemghu mill-gdid minn din il-Qorti f'dan l-istadju revizorju ghaliex ma kienux registrati fil-prim'istanza. Mid-deposizzjoni ta' Anna Cordina Zammit jirrizulta illi ghad illi l-koppja ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni, huma qed jghixu b'mod separat gewwa l-istess dar matrimonjali izda f'partijiet separati taghha. Il-parte civile kienet qed tghix fil-*basement* tad-dar fejn ma kienx hemm fridge. Din izda kienet fis-sular ta' fuq fejn ma jghix hadd mill-partijiet u gurnata minnhom rrizultat nieqsa u setghet taraha minn wara l-hgieg tal-klinika li hemm f'sular iehor tad-dar fejn kien qed jghix l-appellant. Innutat ukoll illi kienu naqsu l-affarijiet msemmija fl-affidavit tal-ufficjal tal-pulizija. Sia il-basement kif ukoll l-klinika li jiffurmaw parti mid-dar matrimonjali ghandhom entratura separata;

7. Xehed l-appellant Paul Joseph Portelli li qal li d-dar hija unit waħda u kbira.Huwa qal li martu kienet telqet mis-sular ta' fuq fi Frar 2016. Wara Awwissu 2016 kellu jissakkar fil-klinika tiegħu għas-sigurta' tieghu. Kwantu l-fridge qal li din kienet fis-sular ta' fuq bl-ikel jinten go fih u hadha isfel biex juzha izda bdew jisparixxu l-affarijiet minn go fiha u ma baqax juzaha. Anke it-television kien abbandunat u l-internet qatghu ghaliex il-parte civile kienet taf il-*password* u hedditu li ser "iggenninlu l-klijenti".

8. Issa kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-elementi ta' dan ir-reat huma erbgha u din il-Qorti issa zzid tosserva ma' dan illi dawn l-elementi ilhom hekk meqjusa sa mill-1944 mis-sentenza Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768);

9. L-insenjament emergenti minn din is-sentenza hu li r-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Matul is-snin dawn l-elementi assumew xi tibdil fil-mod kif inhuma deskritti, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mis-sustanza taghhom, (ara per ezemplari Il-Pulizija vs Carmel mgharuf bhala Charles Farrugia App Krim 17.2.1995; Il-Pulizija vs Reno Micallef App Krim 6.6.95 u Il-Pulizija vs Mark John Sciberras App Krim 18.9.2002;)

10. L-ewwel element: att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li ikun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor. Huwa fatt indiskutibbli z-zewg partijiet kellhom il-pussess tal-istess oggetti fl-istess dar matrimonjali b'uhud minnhom fil-parti fejn tghix il-kwerelanta u ohrajn fil-parti fejn jghix l-appellant. Oggetti ohra, izda kienu jinsabu f'parti tad-dar li fiha ma jghix hadd b'kull parti ikollha access ghall-dawn ghaliex minkejja li l-*basement* u l-*klinika* jidher li ghandhom

access separat minn barra, xorta wahda jinfdu ghall-partijiet mhux uzati tad-dar;

11. L-appellant donnu qieghed jasserixxi d-dritt tieghu li jiehu dak li jrid mill-parti mhix abitata tad-dar ghaliex huwa ugwalment is-sid tal-oggetti stante li hu zewg il-kwerelanta. Dan izda ma huwiex il-kaz ghaliex gia kif spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said (deciza fid-19 ta' Gunju 2002) "*Sakemm tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, jew sakemm ikun hemm xi ordni ta' allontanament minn dan il-fond ta' xi wahda mill-konjugi mill-Qorti kompetenti, it-tnejn ghadhom propretarji tal-istess u hadd minnhom ma jista' jeskludi lill-parti l-ohra mill-godiment tieghu u mill-access ghalih". Din hija l-posizzjoni "civiliter*" ";

12. Fit-tieni element jehtieg li tkun pruvata: il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt. L-oggetti in kwisjtoni ttiehdu mill-appellant bil-mottiv li ghandu bzonnhom hu fil-parti fejn jghix. Meta ghamel hekk minghajr il-kunsens ta' martu u naturalment fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha, ikun agixxa fil-kredenza li ghandu kull dritt li jaghmel dan u ghalhekk jinkwadra l-agir fit-tieni element ta' dan ir-reat;

13. Kif spjegat imbaghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App Krim 15.11.1996, "*Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "Quanto all-elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il-quale sarebbe costituito dal fine de esercitare*

*un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il-fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se' medesimo, e siccome questo "farsi ragione ecc." Non e' un quid che sta al di la' del fatto che costitusico il reato, ma il fatto medesino (azione ed evento), il-dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico" (Antolisei, F.,* ***Manuale di Diritto Privato – Parte speciale, Vol II, Giuffre' (Milano)*** *1986, p.968)".* Kif mistqarr mill-appellant volontarjament fid-deposizzjoni tieghu, hu ha l-oggetti fil-parti tad-dar fejn qed jirrisjedi biex jaghmel uzu minnhom hu, u dan allura bl-eskluzzjoni tal-kwerelanti milli taghmel uzu minnhom hi ukoll meta kienu fil-parti tista' tghid komuni tad-dar;

14. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi r-reat aktar gravi ossia, kif ahjar ritenut fis-sentenza Bonavia citata *supra,* li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Anke hawn, tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza Mario Lungaro fejn fi ftit kliem kien puntwalment spjegat hekk: "*Hu risaput – u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), jekk ikunx hemm dana r-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent*'. L-eghmil tal-appellant fil-kaz hawn skrutinat kien wiehed kif gia intqal, igifieri li ppriva lill-parte civile mill-uzu tal-oggetti u dan l-agir ma jinkwadra f'ebda reat aktar gravi bhal, per ezemplari, serq;

15. Huwa inutili ghall-appellant li jghid li hu qatt ma ghamel rapport fuq l-agir allegatament simili da parti tal-

kwerelanta u li minn issa 'l quddiem ser jibda jaghmel tali rapporti;

16. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.